# L-Inkarnazzjoni u l-Qawmien mill-Mewt
## Adorazzjoni Ewkaristika
## Mejju 2026

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Verb etern, li sa minn dejjem
int fil-glorja ma' Missierek,
ħlaqt 'l Adam u tajtu l-ħajja,
biex ikun ix-xbieha tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Għad li l-għadu minn ġos-siġra
qarraq bih u biegħdu minnek,
inti ma ċħadtlux imħabbtek,
imma nżilt f'din l-art biex tfittxu.

*Missierna, Sliema, Glorja*

U sirt bniedem minn ġuf Verġni,
biex lill-bniedem tħabbeb m'Alla;
tajtu l-maħfra w ħajja ġdida
bl-ilmijiet tal-magħmudija.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ma stmerrejtx, Mulej, li titla'
fuq salib u xxerred demmek;
ħadt int stess il-mewt biex tifdi
lill-ilsir li qam għal sidu.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ibqa' ħares dejjem fina
ferħ il-Għid, Ġesù Messija;
kif għall-grazzja rġajt wellidtna,
fil-qawmien seħibna miegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Glorja lilek, fir-rebħ tiegħek
fuq il-mewt, Ġesù setgħani;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

> Il-mewt qatlet il-Mulej fil-ġisem li kellu, iżda b'dan l-istess ġisem rebaħ il-mewt. Il-Mulej, bin-natura tiegħu ta' Alla moħbija fin-natura tiegħu ta' bniedem, resaq lejn il-mewt li qatlitu, iżda mbagħad ġiet hi stess maqtula: il-

> mewt qatlet il-ħajja ta’ bniedem tal-Mulej, u hu qatel il-mewt bil-ħajja tiegħu ta’ Alla.
> Il-mewt ma setgħetx taħtaf il-Mulej li kieku ma kellux ġisem, u lanqas l-imwiet ma kien jista’ jibilgħu li kieku ma kienx bniedem: għalhekk hu niżel fi ħdan Verġni, u minnha ħa l-mirkeb li wasslu għall-imwiet. Daħal fl-imwiet fil-ġisem li ħa, farrak it-teżori tal-imwiet u xerred ġidhom.
> (San Efrem tas-Sirja, *Sermo de Domino Nostro*, 3)

Minkejja li l-liturġija ddum iktar tiċċelebra l-qawmien tal-Mulej milli ddum tħejji għaċ-ċelebrazzjoni tal-Għid il-Kbir fir-Randan, il-ferħ tal-Għid, li suppost hu mxerred madwar id-dinja kollha, kif jitlob is-saċerdot f’kull quddiesa f’dan iż-żmien, donnu f’qalbna dan il-ferħ jidbiel malajr iktar milli jidbielu l-fjuri. Il-konsolazzjoni tat-twaħħid tal-Mulej mal-kundizzjoni umana tagħna u fit-tbatijiet li nġarrbu, donnhom għalina huma iktar qawwija mit-tama infinita fil-faraġ tal-hena dejjiemi li suppost l-Għid jiżra’ ta’ kull sena mill-ġdid f’qalbna. Imma dan il-kliem poetiku ta’ San Efrem tas-Sirja li għadna kemm smajna, mhux biss iqanqal fina din it-tama li toħroġ proprju mit-twaħħid tal-Mulej fil-mewt tagħna biex hekk ukoll aħna nitwaħħdu miegħu fil-ħajja li ma tintemmx. Dan il-kliem ifakkarna wkoll fir-rabta importanti li hemm bejn il-misteru tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej mal-misteru tal-Inkarnazzjoni, jiġifieri l-misteru ta’ Alla li jieħu n-natura ta’ bniedem fuqu permezz tat-tnissil u t-twelid minn Marija. Huwa l-misteru wieħed tal-persuna sħiħa ta’ Kristu li niċċelebraw sew fil-Milied u sew fit-Tridu tal-Għid. M’hemmx waħda mingħajr l-oħra: it-twelid ta’ Alla bħala bniedem fiż-żmien iseħħ sabiex l-istorja mudlama tagħna terġa’ tinfetaħ għall-grazzja ta’ Alla permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu li seta’ jgħaddi minnhom biss jekk ikollu ġisem bħal tagħna. Għalhekk, hekk kif ninsabu quddiem il-preżenza reali tal-Mulej li miet u qam rebbieħ fuq il-mewt, ejjew nikkontemplaw is-sbuħija tal-umanità tiegħu, tas-safa tagħha, tal-kobor tagħha, għax kien proprju permezz tagħha li aħna, ħlejjaq tiegħu, maħluqin fuq xbieha tiegħu, stajna nerġgħu niksbu mill-ġdid ix-xebh miegħu fis-sbuħija u s-safa oriġinali li biha ġie maħluq il-bniedem fil-bidu, qabel id-dnub.

## Innu Ewkaristiku

Fil-bidu ta’ dan ix-xahar ħelu li fih Marija bħal donnu tiftaħ quddiemna bħala l-warda mistika, ejjew nerġgħu nisimgħu mill-ġdid x’għandu iktar x’jgħidilna d-Djaknu San Efrem tas-Sirja:

> Warrdet Marija, id-dielja l-ġdida li ħadet il-post tad-dielja l-oħra, il-qadima; fiha għammar Kristu, il-ħajja l-ġdida, biex meta l-mewt tersaq bħas-soltu qalbha qawwija biex taħtaf, issib, moħbija fil-frott li jintemm, il-Ħajja li ttemm il-mewt. U meta l-mewt, bla biża’ ta’ xejn, belgħet il-Mulej, ħelset il-ħajja, u mal-ħajja ħelset ukoll il-kotra kollha. (*Sermo de Domino Nostro*, 3)

Mulej Ġesù, filwaqt li nħallu l-fwieħa ta' dal-kliem ħelu jimla mnifsejna, bil-lingwaġġ poetiku ta' dan il-qaddis tal-Lvant—reġjun li bħalissa hu tant imqalleb u tturmentat—f'widnejn qalbna nisimgħuk itenni mill-ġdid il-kliem xi ftit misterjuż tiegħek li jwasslulna l-Evanġelisti, li lissintu meta n-nies bdew jgħidu li l-qawwa tiegħek fuq l-ispirti ħżiena kienet ġejja mix-Xitan innifsu: "Sakemm il-bniedem qawwi u armat tajjeb jgħasses il-palazz tiegħu, ħwejġu jkunu fiż-żgur. Imma jekk wieħed aqwa minnu jaqbeż fuqu u jegħlbu, jaħtaflu l-armi kollha li fuqhom kien iserraħ rasu, u jqassam il-priża tiegħu. Min mhuwiex miegħi huwa kontra tiegħi, u min ma jiġborx miegħi, ixerred" (Lq 11, 21-23). Għalkemm x'aktar nifhmuh bil-kontra dan il-kliem, fil-verità huwa *inti* dak ir-raġel b'saħħtek, "raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu" (Ef 4, 13), li, fil-punt fejn dehert l-iktar tellief, inti dħalt fis-saltna tad-dlamijiet, ħtaft l-arma tal-mewt minn id il-Qarrieq li biha ħaseb li fuq is-salib irnexxielu jirbaħ lil Alla mill-ġdid, wara li kien ħataf il-bnedmin taħt difrejh bis-siġra tal-Għeden, u tajtna sehem mir-rebħa tiegħek. U, proprju fl-Ewkaristija, f'dan is-sagrament tal-ġisem reali tiegħek li tnissel, twieled, miet, u qam mill-mewt rebbieħ, inti tqassam il-priża għax tħejji din il-mejda qaddisa quddiem l-għadu tagħna u tfawwar il-kalċi tal-hena tagħna (ara Salm 23, 5). Glorja lilek, Mulej Ġesù!

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Ejjew nissieħbu ma' San Efrem (*Sermo de Domino Nostro*, 9) ft-tifħir li niseġ lill-Mulej tagħna, billi għall-invokazzjonijiet li ġejjin inwieġbu: ***Glorja lilek, Mulej Ġesù!***

- Glorja lilek li b'salibek għamilt pont fuq il-mewt biex minn fuqu l-erwieħ jgħaddu minn dell il-mewt għal dawl il-ħajja. ***R/.***
- Glorja lilek li lbist il-ġisem tal-bniedem li jmut u għamiltu għajn ta' ħajja għal dawk kollha li jmutu. ***R/.***
- Int tgħix tassew; dawk li qatluk għamlu 'l ħajtek dak li gabillott jagħmel fl-għalqa tiegħu: bħall-qamħ ħajtek żergħuha fil-ħamrija, biex minn hemm tirxoxta u tqajjem magħha kotra ta' bnedmin. ***R/.***
- Ejjew għalhekk noffru f'kull imkien is-sagrifiċċju l-kbir ta' mħabbitna, ngħannu għanjiet mill-isbaħ, u ngħollu t-talb tagħna lil dak li offra salibu b'sagrifiċċju 'l Alla, biex bih jagħnina lkoll. ***R/.***

## Innu Ewkaristiku

> Dak li kien magħruf bħala bin il-mastrudaxxa, li refa' s-salib tiegħu 'l fuq mill-imwiet li jibla' kollox, wassal ukoll lill-bniedem f'dar il-ħajja. Bħalma kien permezz ta' għuda li l-bniedem waqa' fil-qigħan l-iktar baxxi, kien fuq l-għuda li daħal f'dar il-ħajja. Fl-għuda li fiha ddaħħal il-morr tlaqqmet fergħa ħelwa sabiex nagħrfu lil dak li ebda ħliqa ma tista' tiqaflu. (*Sermo de Domino Nostro*, 4)

Aħna wkoll ma' San Efrem induru lejn Bin Alla, li ried ikun magħruf fostna bħala bin il-mastrudaxxa, u nferrgħu f'riġlejh ħfief it-talbiet tagħna.

- Wettaq kull ħidma fil-Knisja u kull tħabrik għall-bini tas-Saltna tiegħek fuq l-art fost il-bnedmin. Nitolbu.
- Seddaq kull sforz favur il-paċi u l-ġustizzja, l-iktar f'dawk l-inħawi ta' wiċċ l-art mifnija bid-dlamijiet tal-gwerra, il-vjolenza, u l-mibegħda. Nitolbu.
- Kun, Mulej, mal-ħaddiema kollha fit-twettiq ta' dmirijiethom, l-aktar dawk li, minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom, ipoġġu ħajjithom f'riskju għall-ġid ta' ħuthom. Nitolbu.
- Farraġ lil dawk li huma mċaħħda mid-dritt għax-xogħol, dawk li ma jistgħux jaħdmu minħabba mard, dawk li d-dinjità tagħhom hija mkasbra, u tant ħaddiema barranin li huma msieħba magħna fil-bini tas-soċjetà tagħna. Nitolbu.
- Ħeġġeġ il-qlub maqtugħa u laqqam mill-ġdid il-fergħa ħelwa tal-għuda tas-salib tiegħek f'dawk li tilfu t-tama sabiex mill-ġdid jiskopru l-ferħ tal-qawmien tiegħek. Nitolbu.
- Bierek lil dawk kollha li, anke fis-skiet, b'ġesti ċkejkna, jiddefendu u jħarsu l-ħajja fl-istadji kollha tagħha, u jipproteġu lil dawk li huma l-iktar vulnerabbli. Nitolbu.
- Nerħu f'idejk, Mulej, lil ħutna mejtin sabiex, bħalma seħibthom fil-mewt tiegħek permezz tal-magħmudija, hekk ukoll, bl-istess grazzja, ma jdumux ma jingħaqdu miegħek fil-ħajja bla tmiem. Nitolbu.

Mulej Ġesù, inti ma stmerrejtx tissieħeb fin-natura tagħna l-bnedmin imma ħadt ġisem bħal tagħna u għext l-istess ħajja li ngħixu aħna sabiex mill-ġdid tiftaħha għall-ħajja tiegħek ta' Alla. Flimkien mat-tifħir tagħna, ilqa', għalhekk, dan it-talb umli tagħna u ixħet fuqna lkoll il-barka tiegħek. Inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali